MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1120/2010

**Middlesea Insurance p.l.c.**

**vs**

**Emanuel Ciantar u**
**b'digriet tas-16 ta' Jannar 2012**
**intervenew fil-proceduri in statu et terminis**
**Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u Motor Insurers' Bureau**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-2 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:
1. Illi s-socjeta rikorrenti hija s-socjeta assikuratrici ta' tlett vetturi u cioe 'Hyundai Tucson' bin-numru ta' registrazzjoni MAX-872, 'Nissan' bin-numru ta'

registrazzjoni BAG-695, u ‘Peugeot Partner’ bin-numru ta’ registrazzjoni HBD-096, ta’ liema vetturi l-intimat huwa proprjetarju;

2. Illi l-vetturi msemmija fis-suespost huma assikurati mas-socjeta rikorrenti rispettivament taht poloz mahruga a tenur tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta’ Terzi Persuni (Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta), rispettivament bin-numru ta’ referenza PC3613135001, CV3713135002 u CV3713135001, liema poloz inhargu tramite s-socjeta MelitaUnipol Insurance Agency Limited, u filwaqt li l-ewwel polza in kwistjoni taghti kopertura comprehensive, iz-zewg poloz l-ohra jaghtu kopertura third party;

3. IIIi l-ahhar tigdida tal-poloz in kwistjoni sehhet rispettivament nhar it- 22 ta’ April, 2010, nhar l-1 ta’ Marzu, 2010, u nhar l-1 ta’ Settembru, 2009, u dakinhar l-intimat hallas is-somma ta’ EUR619.78, EUR132.78, u EUR823.95 rispettivament ghall-poloz in kwistjoni;

4. Illi wara l-iktar tigdida ricenti imsemmija fl-ahhar paragrafu suespost, is-socjeta rikorrenti giet a konoxxenza ta’ fatti materjali li l-intimat naqas li jsemmi filwaqt tal-kontratazzjoni ta’ kull polza in kwistjoni u cioe meta kienu qeghdin isiru l-’proposal forms’ rispettivi li eventwalment wasslu ghall-poloz in kwistjoni, jew irrisponda l-kontra ta’ dak li gie mistoqsi fl-istess ‘proposal forms’, u dana bi ksur car tal-principju ta’ uberrimae fidei li japplika fil-kuntest ta’ kuntratti ta’ assikurazzjoni, billi ghamel dikjarazzjoni falza fil-’proposal forms’ in kwistjoni;

5. Illi fil-fatt l-intimat f’kull wahda mill-’proposal forms’ in kwistjoni rrisponda "Le" id-domanda kontenuta fl-artikolu 3 tal-parti ‘D’, u rrisponda wkoll "Le" ghad-domanda kontenuta fil-paragrafu (d) tal-artikolu 3 tal-parti ‘E’, mill-istess ‘proposal forms’ meta fil-fatt kellu jirrisponi ‘iva’, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors guramentat odjern;

6. Illi fil-kuntest tal-ahhar zewg paragrafi suesposti, huwa risaput, kif qalu diversi drabi l-Qrati taghna illi "L-kuntratt

ta’ assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bwona fede, u l-proponent ghandu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bwona fede, u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-"proposal form"; anzi hu generalment ritenut li l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikurat li jkun jaf, u dan anki jekk ma jkunx mistoqsi. U jekk il-proponent ma jaghtix lill-assikurat il-kwadru sewwa u ezatt tal-oggett tal-kuntratt, u dan jaghmlu in bwona fede, din ghandha mportanza biss relattiva, u ferm relattiva; u l-assigurat ikollu d-dritt jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt tal-assikurazzjoni, purke’ d-dettalji ommessi jkunu tali li jinfluwixxu fuq id-decizjoni biex l-assikurat jasal ghall-kuntratt fit-forma li jkun iffirmah"[1];

7. Illi huwa risaput ukoll li l-’proposal form’, hija parti integrali tal-polza tal-assikurazzjoni, u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-formula hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza, u r-riskju kkontemplat mis-socjeta rikorrenti kien dak kontemplat fil-mument tal-kuntrattazzjoni tal-assigurazzjoni u kif espressa fil-polza[2];

8. IIIi ghalhekk il-poloz in kwistjoni ttiehdu bil-habi ta’ fatt sostanzjali jew billi gie rapprezentat fatt li kien falz f’xi partikolarita sostanzjali, u ghall-istess ragunijiet, fl-umli fehma tas-socjeta rikorrenti, hemm lok sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi, apparti mid-disposizzjonijiet ta’ kull polza in kwistjoni, is-socjeta rikorrenti ghandha jedd tannulla kull wahda mill-poloz in kwistjoni, u dana a tenur tas-subartikolu (3) tal-artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. Illi ghal kull buon fini, kontestwalment mar-rilkors guramentat odjern, is-socjeta rikorrenti qeghda, permezz ta’ cedola tiddepozita s-somma ta’ EUR1,576.51, rapprezentanti t-total tal-premia imhallsa mill-intimat ma’ l-ahhar tigdida ta’ kull wahda rnill-poloz ta’ assikurazzjoni in

[1] Ara *Charles Degiorgio ne. vs. Austin Agius et* tal-Prim’Awla Qorti Civili (deciza fil-25 ta’ Gunju, 1962), kif ukoll *Raymond Borg noe vs. Fogg Limited noe* tal-Prim’Awla Qorti Civili (deciza fit-30 ta’ Ottubru, 2003).
[2] Ara *Antonio Zammit vs. Joseph Micallef ne* tal-Qorti tal-Kummerc (deciza fil-31 ta’ Jannar,1952).

kwistjoni, kif spjegat hawn fuq, wara li l-istess intimat irrifjuta li jircievi lura l-istess hlas;

10. llli ghalhekk qieghed isir dan ir-rikors guramentat.

Ghalhekk, in vista tal-premess, u prevja kull dikjarazzjoni ohra xierqa u opportuna, is-socjeta rikorrenti titlob umilment Ii dina l-Onorabbli Qorti toghgobha:

1. Tiddikjara illi kull wahda mill-poloz ta' assikurazjoni mahruga mis-socjeta rikorrenti favur l-intimat, rispettivament bin-numru ta' referenza PC3613135001, CV3713135002, u CV3713135001, u mahruga a tenur tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta), ittiehdu mill-intirnat bil-habi ta' fatt sostanzjali jew billi gie rapprezentat fatt li kien falz f'xi partikolarita sostanzjali;

2. Tiddikjara illi fil-kaz ta' kull wahda rnill-istess poloz ta' assikurazzjoni in kwistjoni, apparti mid-disposizzjonijiet ta' kull polza in kwistjoni, is-socjeta rikorrenti ghandha jedd tannulla kull wahda mill-poloz in kwistjoni, u dana a tenur tas-subartikolu (3) tal-artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara illi ebda somma ma jkollha tithallas mis-socjeta rikorrenti a tenur tal-poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta rikorrenti favur l-intimat, rispettivament bin-numru ta' referenza PC3613135001, CV3713135002, u CV3713135001, u mahruga a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta).

BI-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali pprezentati kontra Stephen u Monica konjugi Falzon f'isimhom proprio u f'isem il-minuri Rebecca Marie u Sarah Marie Falzon rispettivament fis-27 ta' Settembru, 2010 u kontestwalment, tal-ittri ufficjali pprezentati kontra Edward Decelis u GasanMamo Insurance Limited rispettivament fis-27 ta' Settembru, 2010 u kontestwalment u tac-cedola ta' depozitu msemmija hawn fuq, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt sabiex jidher in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis socjeta rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:
1. IIli hlief ghal Hyundai Tucson il-vetturi I-ohra huma proprjeta u registrati fuq kumpanija Maxkim Limited illi ghandha personalita guridika distinta mill-konvenut personalment.

2. llii ghal dik Ii jirrigwarda I-polza ta' assigurazzjoni tal-Partner Peugeot HBD-096 il-kuntratt skada fl-1 ta' Settembru, 2010 u konsegwentement it-talba relattiva ghalih lanqas tista' tigi milqugha.

3. llli t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni falza da parti la tal-konvenut personalment u lanqas tieghu in rapprezentanza tal-istess kumpaniji.

4. llii ghal dak Ii jirrigwarda I-Peugeot Partner HBD-096 l-azzjoni hija perenta skont il-proviso tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta guramentata tal-intervenuti fil-kawza li tghid hekk:
A. Eccezzjonijiet
1. Illi ghar-rigward tal-ewwel u t-tieni talba attrici, is-socjeta attrici trid igib prova ta' dak minnha allegat u trid tipprova ukoll li gew sodisfatti r-rekwiziti sanciti fl-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi t-tielet talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi s-socjeta attrici hija obbligata fil-ligi li thallas id-danni lit-terzi anki jekk jirrizulta illi l-polza minnha mahruga ghar-rigward tal-vettura HBD 096 hija nulla ghax ittiehdet bil-habi ta' fatt materjali kif allegat mis-socjeta attrici. Tant hu hekk illi r-Regolament 24(2)(b) tal-Avviz Legali 435 tal-2003 jistipula illi "assiguratur huwa l-assiguratur koncernat minkejja illi l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-ghoti ta' informazzjoni hazina, bil-habi ta' fatti materjali, jew bi zball".

3. Illi ghar-rigward tat-tielet talba attrici il-gudizzju mhux integru billi l-persuni li lilhom is-socjeta attrici qed tippretendi li ma thallasx id-danni kkawzati mill-vettura minnha assigurata bin-numru HBD 096 ma humiex parti fil-kawza, u ghalhekk d-dikjarazzjoni li qed tippretendi li tiehu s-socjeta attrici permezz tat-tielet talba attrici hija legalment insostenibbili u ghandha tigi michuda minn dina l-Onorabbili Qorti.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Rat l-atti u n-noti tas-sottomissjonijiet ta’ whud mill-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Melanie Camilleri, Senior Executive fil-Claims Department tas-socjeta attrici xehdet li Emanuel Ciantar kien inxurjat maghhom bil-vettura Peugeot Partner HBD906 tramite l-agenti taghhom, MelitaUnipol Insurance Agency Ltd (Dok. MC1A u MC1B a fol. 19 et seq.), u din il-karozza kienet involuta f’incident f’H’Attard fejn kienu ttajru tewmin ta’ madwar hdax-il sena.

Illi rrizulta lis-socjeta attrici li l-konvenut ma kienx infurmaha meta mela l-proposal form li huwa kellu mill-inqas zewg kawzi kriminali li wahda minnhom kienet deciza kontra tieghu. Irrizultalhom ukoll li iben il-konvenut, Maximillian, kellu kawzi kriminali li gew decizi kontra tieghu, anke in konnessjoni ma’ uzu ta’ vettura. Inoltre l-konvenut ma kienx infurmahom meta mela l-proposal form li huwa kellu claims qabel meta kien assikurat ma’ kumpanija ohra ta’ assikurazzjoni qabel ma nxurja maghhom. Lanqas ma infurmahom li l-kumpanija

assikuratrici li kien inxurjat maghha qabel ma xtaqitx iggeddidlu l-poloz ta' assikurazzjoni, ghalkemm kien gie espressament mistoqsi dwar dan meta mela l-proposal form. Il-konvenut ghalhekk gie li naqas li jsemmi fatti materjali (non-disclosure of material facts) li kieku huma kienu jafu dwarhom ma kienux jassigurawh. L-istess gara fil-kaz ta' zewg poloz u zewg proposal forms ohra relattivament ghal zewg vetturi ohra li wkoll hargu fuq isem il-konvenut (Dok. MC2A u MC3A, MC2B u MC3B a fol. 24 et. seq). **Dwar claims ta' terzi relattivament ghal dawn il-poloz ta' assikurazzjoni huma rcevew ittri legali u protest gudizzjarju izda ma saret ebda kawza s'issa** (enfasi tal-Qorti).

Andrew Pizzuto, Claims Executive mal-MelitaUnipol Insurance Agency Ltd, xehed li l-konvenut kien gie inxurjat maghhom tramite 'broker' taghhom minn B'Bugia. Meta saru jafu bl-incident li kienet fih involuta wahda mill-karozza assikurata maghhom kienu nfurmaw lil principali taghhom, lis-socjeta rikorrenti, u ghaddewlhom id-dokumentazzjoni kollha. Mill-investigazzjoni li ghamlu il-principali taghhom irrizultalhom li l-konvenut heba fatti materjali u huma ghalhekk kellhom imexxu b'dina l-kawza. Fil-hin tal-incident il-karozza kienet qed tinsaq minn Maximillian Ciantar bin l-intimat. Fuq kontroezami wiegeb li Ciantar qabel kien inxjurat ma' Thomas Smith Insurance u huwa kellu tlett incidenti/claims (Dok. AP1 sa AP4 a fol. 93 et seq) izda meta gie biex jinxurja maghhom kien qalilhom li ma kellux previous claims. **Zied ukoll ebda procediment min terzi ma kien ghadu inbeda a bazi tal-polza tal-assikurazzjoni sad-data li xehed hu cioe f'Marzu 2011** (enfasi tal-Qorti).
.

Kevin Borg Degiorgio, ghas-socjeta Thomas Smith Insurance, xehed li Emanuel Ciantar kien assikurat maghhom izda l-assikurazzjoni kienet giet kancellata f'Lulju 2009. Hu kellu sitt vetturi assikurati maghhom u kellu sitt claims fuq diversi vetturi. Hu ikkonferma li d-dokumenti AP1 sa AP4 huma tal-kumpanija taghhom.

Dr.Elizabeth Quintano ipprezentat kopji ta’ sentenzi (Dok. EQ1 sa EQ5 a fol. 39 et seq. cioe sentenza kontra Emanuel Ciantar datata 24/9/2008; u erba sentenzi kontra Maximillian Ciantar, (tnejn wahdu u tnejn ma’ terzi) kontra l-konvenut u ibnu Maximillian li rrizultawlha mis-sistema tal-computer tal-Qorti.

Il-Maggur John Mary Camilleri, ezebixxa zewg fedini penali, wahda ta’ Emanuel u l-ohra ta’ Maximillian Ciantar (Dok. JMC1 u JMC2 a fol. 66 et seq.).

Spettur Elton Taljana esebixxa r-Road Accident Report li fih kienet involuta l-vettura tal-intimat li fiha ttajru t-tewmin (Dok. ET1 a fol. 112).

Il-konvenut ghalkemm inghata l-opportunita li jressaq il-provi tieghu naqas li jaghmel dana.

**Konsiderazzjonijiet ta’ dina l-Qorti**

Illi, skont is-socjeta rikorrenti, dina l-kawza qed issir abbazi tas-subartikolu 3 tal-artikolu 10 tal-Kap. 104, l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta’ Terzi Persuni:
Ebda somma ma jkollha tithallas mill-assiguratur awtorizzat taht id-disposizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, jekk, f’kawza mibdija qabel, jew fi zmien tliet xhur wara, li jinbeda l-procediment li fih tkun giet moghtija s-sentenza, hu jkun ha dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa ghandu jedd li jannullaha minhabba li kienet ittiehdet bil-habi ta’ fatt sostanzjali jew billi gie rapprezentat fatt li kien falz f’xi partikolarita’ sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza ghal dik ir-raguni,illi kellu jedd li jaghmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet taghha.

"Huwa principju guridiku fundamentali li l-kuntratt ta’ assigurazzjoni ghandu jkun regolat bil-massima bona fede, u dan mhux biss fil-kors ta’ l-esekuzzjoni tieghu, imma wkoll fit-trattativi sakemm jigi konkjuz u l-polza maghruga" (**Adriano Cassar Galea noe vs Paul Cuschieri**, App Civ 31/07/1996).

“In kwantu bazat fuq in-nozzjoni tal-uberrimae fidei kuntratt bhal dan ghandu jirrivesti l-bona fede fil-perkors u durata kollu tieghu. Hekk per ezempju jinsab assodat illi "l-proposal form hija parti ntegrali tal-polza ta’ l-assikurazzjoni; u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-formula hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza" (**Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe**, App Kum 31/01/1952; **Joseph Micallef noe vs Roman Vella**, PA 06/04/1973; **Joseph Muscat vs Joseph Gasan et noe**, App 06/10/1999 u **Salvu Briffa vs Walter Camilleri noe**, App 09/02/2001).

Dwar x’kien meqjus bhala materjali gie ritenut illi:
"A fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgement of a reasonable and prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge". (ara **Bird. Modern Insurance Law**, 4th Ed. page 107 u sentenza **Carter vs Boehm**).[3]

“Reasonable insurer test. Everything is material which will guide a reasonable insurer in determining whether he will take the risk and, if so, at what premium and on what conditions”. (**March Cabaret Club and Casino Ltd vs Thomson and Bryant Ltd** (1975).

“The fact that the proposer has suffered losses of cars on previous occasions has been held to be material” (**Fire and Motor Insurance: Ivamy** 3rd edition, (1978) p.203).

**Ikkunsidra ulterjorment**

Fil-kaz in ezami jirrizulta mill-provi prodotti li l-intimat f’kull wahda mill-’proposal forms’ in kwistjoni rrisponda "Le" ghad-domanda kontenuta fl-artikolu 3 tal-parti ‘D’. (ara fol. 22, 28, 33). Ghad-domanda (3) Have you, or has any other person who to your knowledge will drive, been convicted during the past 5 years of any offence (excluding parking offence) in connection with a motor

[3] Dwar x’inhu fatt sostanzjali (material fact) ara per ezempju s-sentenza **Calicidon Vella vs GasanMamo Insurance Agency Limited nomine**, PA 07/03/2008.

vehicle? If YES please give details, l-intimat wiegeb ‘Le’ meta fil-fatt kellhu jwiegeb ‘Iva’, kif ser naraw.

Huwa wkoll rrisponda wkoll "Le" ghad-domanda kontenuta fil-paragrafu (d) tal-artikolu 3 tal-parti ‘E’, mill-istess proposal form meta fil-fatt kellu jirrispondi ‘Iva’, (ara fol. 22, 28 u 33). Id-domanda kienet: Has any Insurer ever, (a) declined your proposal? (b) required you to bear the first part of any loss? (c) required an increased premium or imposed special conditions? (d) cancelled or refused to renew your policy? If YES give full particulars.

Issa fil-kaz in ezami gew ezebiti sentenzi tal-Qorti kontra l-intimat u kontra ibnu li kien ‘an authorized driver’ jew any other person who to your knowledge will drive .

Giet esibita sentenza kontra Emanuel Ciantar datata 24 ta’ Settembru 2008 a fol. 39 fejn l-imputat instab hati biss ta` reati dwar ingurji, theddid u offizi ta’ natura hafifa, kliem oxxen u dagha u storbju.

Giet esibita sentenza kontra Maximillian Ciantar et tas-26 ta’ April 2007 a fol. 43 fejn instab hati serq, hsara, sewqan minghajr licenza u polza ta’ assikurazzjoni;

Giet esibita sentenza kontra Maximillian Ciantar tat-23 ta’ Settembru 2010 a fol. 46 li ghalkemm inghatat wara l-perjodu ta’ assikurazzjoni kontestat li ghalaq fl-ewwel ta’ Settembru 2010, ir-reat kien jirrisali ghat-13 ta’ Novembru 2006. Hu instab hati f’dina l-kawza ta’ ingurja u theddid, kliem oxxen, dagha u storbju.

Giet esibita sentenza ohra tas-7 ta’ Ottubru 2005 kontra Maximillian Ciantar et fejn Max Ciantar instab hati ta offizi mhux relatati ma’ sewqan ta’ vetturi imma ta’ offiza kontra il-pudur, kliem oxxen, theddid u storbju.

Giet esibita sentenza tas-16 ta’ Lulju 2010 sabet lil Max Ciantar hati, fuq ammissjoni, li pussess u uzu ta’ droga.

Illi l-fatt dwar sentenza fuq sewqan minghajr licenza u polza ta’ assikurazzjoni u pussess ta’ drogi, fil-fehma tal-

Qorti kienu fatti materjali li l-assikurazzjoni kellha tigi infurmata bihom qabel taccetta li tassikura. L-intimat kien jaf li l-vettura kien ser isuqha ibnu izda liberament ghazel li ma jaghtix taghrif. Il-konsum tad-droga hu fih innifsu fatt materjali meta tikkunsidra li jista' jimpingi fuq l-abilita tax-xufier biex isuq vettura.

Inoltre Kevin Borg Degiorgio xehed li Emanuel Ciantar kien assikurat ma' Thomas Smith Insurance qabel ma gie inxurjat mis-socejta rikorrenti u huma kienu kkancellawlu l-poloz ta' assikurazzjoni li kellu maghhom f'Lulju 2009 billi kellu sitt claims fuq id-diversi vetturi inxurjati maghhom. L-istess gie kkonfermat min Andrew Pizzuto.

Illi fil-fehma tal-Qorti anke dan il-fatt fejn l-intimat wiegeb li ma kellux claims precedenti kien fatt materjali bizzejjed which would influence the judgement of a reasonable and prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk.

**Eccezzjonijiet tal-intimat Ciantar**

Illi fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Ciantar, kuntrajament ghal dak eccepit minnu, l-assikurat (name of proposer) fuq il-polza tal-karozzi huwa ta' Emanuel Ciantar (ara Dok. MC1A u MC1B) u mhux il-kumpanija Maxim Ltd. Din l-eccezzjoni ghalhekk hija nfondata u qed tigi michuda.

Fit-tieni eccezzjoni l-intimat jsostni li ghal dik li jirrigwarda l-polza ta' assigurazzjoni tal-Partner Peugeot HBD-096 il-kuntratt skada fl-1 ta' Settembru, 2010 u konsegwentement it-talba relattiva ghalih lanqas tista' tigi milqugha. Illi l-intimat m'ghandux ragun lanqas f`dina l-eccezzjoni. Is-socjeta rikorrenti qed tattakka l-validita tal-polza ta' assikurazzjoni ghal perjodu li dina kienet vigenti fil-perjodu bejn 1 ta' Settembru 2009 u 1 ta' Settembru 2010 billi qed tghid li kien hemm non-disclosure of material facts. L-incident li fih kienu gew imtajra t-tewmin gara fit-28 ta' April 2010 u ghalhekk is-socjeta rikorrenti jista' jkollha interess li ssostni li l-polza ma kinitx valida fid-data tal-incident.

Fit-tielet eccezzjoni l-intimat qed isostni li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni falza da parti la tal-konvenut personalment u lanqas tieghu in rapprezentanza tal-istess kumpaniji. Illi kif gja nghad il-poloz hargu fuq isem Emanuel Ciantar u mhux fuq il-kumpanija, u inoltre jirrizulta b'mod lampanti li saru dikjarazzjonijiet foloz mill-intimat.

Fl-ahhar eccezzjoni tieghu l-intimat ighid li ghal dak li jirrigwarda l-Peugeot Partner HBD-096 l-azzjoni hija perenta skont il-proviso tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104.

Illi l-Qorti rat l-proviso tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 u fin-nuqqas ta` indikazzjoni cara mill-intimat ghal liema terminu ta' preskrizzjoni jew decadenza l-intimat qed jirreferi dina l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq l-eccezzjoni tieghu[4]. Jigi rilevat, ghal kull buon fini, li sal prezentata ta`dina l-kawza ma kienet gietipprezentata ebda kawza kontra l-assikurat Emanuel Ciantar. Ir-rikorrenti invece qabel fethet dina l-kawza kontra l-intimat kienet ipprezentat ittra ufficjali kontra l-konjugi Falzon, il-genituri tat-tewmin, wara li kienet irceviet protest gudizzjarju minghandhom u dana ai termini tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104.

Din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

**Eccezzjonijiet intervenuti fil-kawza**

L-intervenuti fil-kawza eccepew illi ghar-rigward tal-ewwel u t-tieni talba attrici, is-socjeta attrici trid igib prova ta' dak minnha allegat u trid tipprova ukoll li gew sodisfatti r-rekwiziti sanciti fl-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-kaz in ezami dina l-Qorti diga ddecidiet li s-socjeta rikorrenti gabet prova ta' dak minnha allegat u ghalhekk ghandha dritt tannulla l-poloz ta' assikurazzjoni in kwistjoni.

[4] Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju (**Holland noe vs Chetcuti**, App 25/02/2000). Sinjifikanti f`dan ir-rigward huwa dak li l-Qorti fis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 1987 fil-kawza **Causon vs Sheibani noe**: "Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".

Fit-tieni eccezzjoni taghhom l-intervenuti jsostnu li t-tielet talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi s-socjeta attrici hija obbligata fil-ligi li thallas id-danni lit-terzi anki jekk jirrizulta illi l-polza minnha mahruga ghar-rigward tal-vettura HBD-096 hija nulla ghax ittiehdet bil-habi ta' fatt materjali kif allegat mis-socjeta attrici. Tant hu hekk illi r-Regolament 24(2)(b) tal-Avviz Legali 435 tal-2003 jistipula illi "assiguratur huwa l-assiguratur koncernat minkejja illi l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-ghoti ta' informazzjoni hazina, bil-habi ta' fatti materjali, jew bi zball."

Illi f'dina l-kawza t-tielet talba attrici taqra hekk:
"Tiddikjara illi ebda somma ma jkollha tithallas mis-socjeta rikorrenti a tenur tal-poloz ta' assikurazjoni mahruga mis-socjeta rikorrenti favur l-intimat, rispettivament bin-numru ta' referenza PC3613135001, CV3713135002, u CV3713135001, u mahruga a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta)".

Illi f`dina l-eccezzjoni l-intervenuti qed isostnu li nonostante dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 is-socjeta rikorrenti bhala assikuratur tal-intimat[5] tibqa' responsabbli ghal hlas tad-hsara kagjonati lit-terzi mill-assikurat taghha nonostante li l-polza giet dikjarata nulla mill-Qorti minhabba non-disclosure of a material fact u dana abbazi tar-regolament 24(2)(b) tal-Avviz Legali 435/2003 kwotat mill-intervenuti fl-istess eccezzzjoni taghhom.

Illi jibda biex jinghad li l-artikolu 10 tal-Kap. 104 jipprovdi fl-ewwel subinciz li l-assikurazzjoni ghandha tkopri lill-assikurat fil-konfront ta' terz danneggjat:
Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-

[5] "Assiguratur koncernat" tfisser dak l-assiguratur li kien fiz-zmien tal-incident li kkawza ir-responsabbilta civili qieghed jipprovdi assigurazzjoni kontra responsabbilta bhal din ghar-rigward tal-vettura li b'kawza tal-uzu taghha giet inkorsa r-responsabbilta (regolament 24).

assiguratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu.

F'dan il-kaz l-intervenuti kien ikollhom ragun ighidu li s-socjeta rikorrenti hija responsabbili li thallas id-danni kagonati lit-terz kieku kienet tapplika din id-disposizzjoni tal-ligi biss. Izda dan is-subinciz huwa soggett ghal dak li jinsab ukoll ipprovdu fit-tielet subinciz tal-istess artikolu 10 li jghid hekk:
(3) Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk, f'kawża mibdija qabel, jew fi żmien tliet xhur wara, li jinbeda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, hu jkun ħa dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa għandu jedd li jannullaha minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza għal dik irraġuni, illi kellu jedd li jagħmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet tagħha:

Iżda, assiguratur awtorizzat li jkun ħa f'kawża ddikjarazzjoni kif jingħad hawn fuq ma jkollux b'daqshekk il-jedd għall-benefiċċju ta' dan is-subartikolu dwar sentenza meħuda fi proċediment mibdi qabel ma tkun bdiet dik il-kawża, kemm-il darba qabel jew fi żmien sebat ijiem wara li tibda dik il-kawża hu ma jkunx ta avviż tagħha b'att ġudizzjarju lill-persuna li tkun l-attriċi f'dak il-proċediment billi jispeċifika l-ħabi jew irrappreżentazzjoni falza li huwa bi ħsiebu jibbaża ruħu fuqhom, u kull persuna li tiġi mogħtija avviż ta' dik il-kawża jkollha l-jedd, jekk trid, li ssir parti fiha.

Illi fil-kaz in ezami ladarba gie ppruvat li l-intimat heba fatti sostanzjali l-polza setghet tigi annullata u l-effett kien dak ravvizat mill-artikolu 10(1) moqri flimkien mal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 li l-assikurazzjoni mhijiex tenuta thallas lit-terz.

Il-Qorti ma ssib ebda diskrepanza jew konflitt bejn dak li tipprovdi l-ligi generali u dak li hemm ipprovdut fil-ligi specjali 24(2)(b) tal-Avviz Legali 435/2003. Taht dina l-ligi specjali hemm provdut taht liema cirkostanzi l-assikurazzjoni tibqa' kkunsidrata bhala l-'assikurazzjoni koncernata' u fost cirkostanzi ohra tindika: "Assiguratur huwa l-assiguratur koncernat minkejja illi l-assigurazzjoni kienet inkisbet bi frodi, bl-ghoti ta' informazzjoni hazina, bil-habi ta' fatti materjali, jew bi zball". Illi kif l-artikolu 10(1) irid jinqara fid-dawl tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104, ir-regolament 24(2)(b) irid jinqara wkoll fid-dawl tal-istess artikolu 10(3) li jipprovdi espressament ghal dak li ghandu jigri meta jkun hemm habi ta' fatt materjali. Ghalhekk dan ifisser li jekk l-assikurazzjoni ma tottjeniex dikjarazzjoni a tenur tal-artikolu 10(3) tal-Kap. 104 bir-rekwiziti hemm imposti biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-artikolu 10(3), allura skond ir-regolament 24 imsemmi l-assikurazzjoni tibqa' kkunsidrata bhala l-'assikurazzjoni koncernata'. Dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 10(3) ghandu jigi kkunsidrat bhala l-eccezzjoni ghal dak li jipprovdi l-artikolu 10(1) u r-regolament 24(2)(b) tal-Avviz Legali 435/2003. Ghalhekk ma hemmx diskrepanza bejn dawn iz-zewg provedimenti tal-Ligi.

Isegwi li jekk l-assikurazzjoni ma tiehux azzjoni jew azzjoni mhux ghat-termini ezatti tal-artikolu 10(3) minkejja l-habi ta' fatt materjali, hija tibqa' responsabbili ghall-hlas fil-konfront tat-terz u tibqa' l-assikurazzjoni koncernata. Izda, meta bhala fil-kaz prezenti, s-socjeta rikorrenti hadet passi skont l-artikolu 10(3) u l-azzjoni hija bbazata fuq dan l-artikolu tal-ligi u ppruvat ir-rekwiziti biex tmexxi l-azzjoni taht dak l-artikolu, allura l-assikurazzjoni ma tkunx responsabbli ghal hlas tad-danni lit-terz jekk fil-fatt jinstab li l-assigurazzjoni inkisbet bi frodi, ghoti ta' informazzjoni hazina, habi ta' fatt materjali jew zball.

Din l-eccezzjoni ghalhekk qeda tigi michuda.

Fit-tielet eccezzjoni taghhom l-intervenuti qed jeccepixxu wkoll illi ghar-rigward tat-tielet talba attrici il-gudizzju mhux integru billi l-persuni li lilhom is-socjeta attrici qed tippretendi li ma thallasx id-danni kkawzati mill-vettura minnha assigurata bin-numru HBD-096 ma humiex parti fil-kawza, u ghalhekk d-dikjarazzjoni li qed tippretendi li tiehu s-socjeta attrici permezz ta-tielet talba attrici hija legalment insostenibbili u ghandha tigi michuda minn dina l-Onorabbili Qorti.

Illi t-tielet talba attrici hija fis-sens li hemm talba ghal-dikjarazzjoni li ebda somma ma jkollha tithallas mis-socjeta rikorrenti a tenur tal-poloz ta' assikurazjoni mahruga mis-socjeta rikorrenti favur l-intimat. Illi dak li qed titlob s-socjeta rikorrenti jirrigwarda ir-relazzjoni guridika interna bejnha u l-intimat u fir-rigward tat-terz is-socjeta rikorrenti imxiet skont ma' titlob il-ligi u nnotifikathom bl-ittra ufficjali u dan ai termini tal-artikolu 10(3). L-ittra ufficjali ggib id-data tas-27 ta' Settembru 2010 u gie notifikata lil konjugi Falzon (fol. 88 tal-process).

Dina l-eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi, prevja li tichad ir-raba eccezzjoni tal-intimat dwar il-preskrizzjoni tat-talba attrici, in kwantu il-vettura Peugeot Partner HBD-096, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u tal-intervenuti fil-kawza, tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti b'dan li l-poloz qed jithassru ghal dak li jikkoncerna r-relazzjoni interna bejnha u l-intimat Ciantar.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Ciantar hlief ghal dawk tal-intervenuti fil-kawza li ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------